MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 739/2003

***GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom
in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Emanuel Chetcuti***

***vs***

***Priscilla Rose Cassar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1250.27) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB 803 fl-1 ta' Awissu 2001 gewwa San Pawl il-Bahar, habtet mal-vettura numru CAF 807, proprjeta' ta' Emanuel Chetcuti u ikkagunat danni

f’din l-istess vettura, ghal liema incident stradali hija unikament responsabbli l-konvenuta stante illi s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Dicembru 2001 u ta’ dikipprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u tal-parir Lm15.00, kif ukoll bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta ipprezentata fit-23 ta’ Mejju 2003.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Louis Bianchi ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti a fol 2 sa 17 tal-process.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-konvenuta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ elf mitejn u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1250.27), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Dicembru 2001 u ta’ dik ipprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-

assikurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------